MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) BORDIJIET

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 161/1997/1

**Maria Dolores mart Paul Fenech u l-istess Paul Fenech bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu**

**vs**

**Joseph Borg u Alfred Borg**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Novembru, 2001 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponenti:

Illi l-esponenti jikru lill-intimati l-fond kummercjali numru 156, naxxar Road, Birkirkara bil-kera ta' hamsa u sebghin liri Maltin (Lm75) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem, l-ewwel skadenza fit-28 ta' Awissu 1998;

Illi l-intimati biddlu d-destinazzjoni tal-imsemmi fond bin-non uzu ghal diversi snin u b' hekk kisru l-kondizzjoni tal-lokazzjoni.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitolbu li dan l-Onorabbli Bord joghogbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-imsemmi fond billi jordna lill-intimati jizgombraw minnu fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss.

Bl-ispejjez.

Ra t-twegiba ta' l-intimati:

Fl-ewwel lok huma jirrilevaw ir-res judicata stante li il-mertu tar-Rikors odjern gia gie deciz b' decizjoni ta' dan l-Onorabbli Bord tal-25 ta' Frar 1988, liema decizjoni giet konfermata b' sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-appell tas-27 ta' Lulju 1989, wara ir-Rikors fl-ismijiet "Carmelo Grima et -vs- Joseph Borg et", Rikors Nru. 17B/80.

Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet dedotti mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u b' hekk ir-rikors prmotorju ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra d-dokumenti esebiti

Ra l-atti

Sema t-trattazzjoni ta' l-avukati

Ra l-verbal tal-11 ta' Ottubru 2001

Ikkunsidra,

1. Quddiem il-Bord diversament presedut l-ewwel eccezzjoni giet mressqa lura wara li l-avukat tar-rikorrenti iddikjara li l-azzjoni hi msejsa fuq non-uzo ghall-perjodu ta' l-ahhar ghaxar (10) snin (seduta 20 ta' Mejju 1998)

2. B' rikors numru 17B/80 is-sidien tal-fond kienu talbu l-izgumbrament tal-kerrejja (dawk ta' llum) l-izgumbrament fuq il-kawzali illi mill-fond ma baqghux jinbieghu spare parts u illi l-fond kien jinsab mzizmum maghluq.

3. B' sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-appell tas-27 ta' Lulju 1989 kien gie deciz li:

"ma kienux gew imposti ebda restrizzjonijiet dwar x' negozju kellu jsir fil-post….. Fuq kollox mill-provi jirrizulta car li l-fond 'de quo' principalment kien qieghed jintuza propju ghall-bejgh ta' karozzi kemm godda kif ukoll 'second hand', kif ukoll ta' spare parts tal-istess. Il-fatt li l-intimati (l-ahwa Borg) kienu jirrapprezentaw xi agenziji ta' kumpaniji tal-assikurazzjoni huma ancillary ghan-negozju gestit mill-intimati u b' ebda mod ma jmur kontra l-iskop principali tal-kirja "de quo"

Din taghmel stat bejn il-partijiet

4. Mill-ittri ta' Dicembru 1994 u Mejju 1997 iffirmati minn ufficjali tal-pulizija jirrizulta li:

"Said place in question looks abandoned and there is no any (sic) police licence on it. (fol 19 u 20).

Izda jirrizulta li t-taghrif moghti fl-ittri kien zbaljat. Il-licenzja bdiet titjhallas fl-1966 u ghada tithallas sallum (xhieda Spettur Dennis Theuma, fol 39). Il-licenzja thallset sena sena u qatt ma thallsu xi xnin f' daqqa. L-ahhar licenzja thallset lil Kunsill Lokali (xhieda Surgent Joseph Borda fol 39-40) u dejjem kienet ghall-sitess sura ta' negozju:

“to sell motor cars spare parts and tools……”
(fol 33 u fol 44). Fis-seduta tas-16 ta’ settembru s-Surgent Borda ipprezenta biss id-dokument a fol 44 u ma ta’ l-ebda xhieda ohra. Deher flimkien ma’ l-ex- Spettur Horace Anastasi. Dan qed jinghad imhabba dak li inkiteb fil-verbal tas-seduta.

5. Ir-rikorrent Paul Fenech jghid li kien jghaddi minn quddiem il-fond ta’ sikwiet, mhux fl-istess hinijiet u “il-post qatt ma rajtu miftuh u kien jidher li huwa abbandunat u mahmug. Kien hemm anke haxix qed jidher fir-rail fejn suppost tigri ix-shutter. Esebixxa ritratti biex isostni dak li qal kif darba inkariga lill-Perit Censu Galea (illum ministru) biex jaghmillu rapport dwar il-kundizzjoni tal-fond. Jaf li l-intimat Alfred Borg ghandu ufficini “fuq in-naha l-ohrq tqt-triq” fejn jezercita l-kummerc. Ilu snin ma jidhol fil-fond. (fol 8-9)

6. L-imsemmi perit kien hareg certifikat fejn iddikjara li

“……(minn dak li jidher barra, dan il-fond ilu ma jinfetah zmien twil sewwa, tant hu hekk li x-shutter li gahndu quddiemu hu traskurat hafna. Minbarra hekk fl-art fejn l-istess shutter hemm numru ta’ pjanti (haxix hazin) li qed jikbru u li zgur ma kienux ikunu hemm kieku fil-fatt ix-shutter kien qed jinfetah.

Minn dan jidher li l-post hu mitluq u mhux qed jintuza.” (id-dokument gie prezentat darbtejn: fol 18 u fol 31)

Fis-seduta tal-20 ta’ Lulju il-perit ikkonferma c-certifikat tieghu u fisser kif wasal ghall-certi konkluzjonijiet. (fol 38)

7. Dwar l-uzu li jsir mill-fond l-intimat Alfred Borg jibda biex jghid:

a. “…..dan il-fond ghadu jintuza fejn ghandna spare parts. Ahna nbieghu lill-vapuri, nbieghu hafna lill-vapuri, u kull haga spare parts, dik il-kwalita…..” (fol 51)

Jissokta (ibid)

b. “Jinfetah dan, ahna jkollna vapur kwazi every two – days, mhux kwazi, every two – days zgur, biex ma nghidlikx il-gimgha kollha. Dan jinfetah f’ hinijiet diversi. Ma nhalluhx miftuh ghall-pubbliku in generali, ghax l-aktar li nbiegh ahna huma spare parts u ghaodda li huma relatati iktar mal-vapuri, pero’ fejn hemm spanners u dak il-kwalita’ huma tajbin ghall-karozzi u tajbin ghall-vapuri. Dak l-istess xoghol.

c. Il-post huwa “stokkjat regolari u nohorgu x-xoghol minn hemm regolari ahna.” (fol 52)

8.a. In kontro-ezami jghid li ma jafx ghalfejn inkera l-fond meta fil-bidu tax-xhieda tieghu isemmi l-proceduri precedenti. (fol 51 u fol 54). Il-bejgh tal-karozzi ilu li waqaf ghalkemm ma jafx meta waqaf (fol 55-56). Izied li barra affarijiet li ghandhom x’ jaqsmu mal-vapuri

“anke spare parts tal-karozzi hemm (gol-fond) imma ma tantx jinbieghu. Ghax ahna konna ngibu karozzi Suzuki, u mbaghad haduhielna, imbaghad kien fadlilna kwantita’ ta’ spare parts u mbaghad bdejna ngibu spare parts ohra, imma x-xoghol ta’ l-ispare parts naqsilna” (fol 55)

b. Wara li nqatghtet il-kawza fl-1989 karozzi qatt ma nbieghu imma spare parts inbieghu. (fol 56). Mistoqsi kif isir dan il-bejgh fl-isfond ta’ dak li qal qabel, stqarr:

(i) “Ghax jistghu jigu,perezempju ahna kellna konnessjoni man- nies li jbieghu l-karozzi bhalma konna nbieghi ahna s-Suzuki u kienu jigu ghandna, jghidulna, jigi l-bejjiegh u jghidilna ghandi bzonn kwantita’ ta’ spare patrts.” Jigu jixtru mill-fond. (fol 57)

(ii) Deherlu li kellu jfisser ruhhu ahjar

“……biex nispjega daqsxejn, ghax mistoqsijiet veru diretti……faccata ta’ dan l-istess garage, ahna ghandna ufficju u n-nies jafuna hemm fil-garage u kif ukoll fl-ufficju, jigifieri meta kienu jistghu, jekk irid xi haga, kemm icemplilna, kemm jigi fil-garage u jiddependi, jekk isibna fil-garage, bil-garage miftuh, kien jigi jixtri mill-garage.

Jekk ma jsibniex fil-garage mftuh, jaqsam faccat, ejja tini l-ispare parts, jigifieri dik is-sistema.” (fol 57)

c. Mistoqsi x’ hin jinfetah il-fond iwiegeb:

“Le ma, nistax, ghax jiddependi ukoll anki meta jigi vapur, fil-hin li l-vapur ikun komdu. Jekk jigi f’ nofs il-lejl il-vapur u jkollhom bzonn spare parts, ha nifthulhom f’ nofs il-lejl” (fol 58)

9. L-intimat ghandu ufficju (numru 48) quddiem il-fond ‘de quo’ li fih “xi erba’hames kmamar” – kamra ghalih, ohra ghas-segretarja, ohra ghal ibnu u ohra: jaghmel xoghol ta’ ‘shipshandling’ u l-oggetti jingabru mill-entrata ta’ l-ufficju” (fol 61-62) Dan in-negozju bhala indirizz ta’ registrazzjoni hu fuq 142, Triq il-kbira, l-Hamrun. Ilu b’ dan ix-xoghol mill-1970/1972 u l-fond tal-Hamrun nharaq zmien ilu (fit-tmenijiet). Ma dan il-fond kien hemm mahzen li nharaq ukoll. In-negozju hu llum f’ idejn ACB International Limited, li hi ta’ l-intimat u uliedu, registrat fuq il-fond 48, Triq in-Naxxar (fol 62-64). Ghandu kumpanija ohra HF Properties Limited registrata fuq l-istess fond.

10. Ghall-ghanijiet tal-ligi s-shipshandling’ hu fuq ACB Internationals Ltd. Id-dhul fuq bejgh ta’ ‘parts’ ta’ vapuri hu wkoll fuq ACB International Ltd (fol 64-65) Wara li semma li l-bejgh ta’ parts isir bhala konteggi fuq din il-kumpanija gie mistoqsi:

“…..Dan huwa l-istess makkinarju li inti qed isemmi li zzomm fil-garage mertu tal-kawza?”

Twegiba:

“Fil-garage, hemm hekk hemm hafna proprjeta’ li kienet immexxija mill-post l-antik ghall-post il-gdid li kinet tappartjeni perosnalment lili, ghax il-kumpanija giet registrata fl-1972 u jiena nixtri, nghaddihom lill-kumpanija etc. etc. jiddependi l-kwalita’ ta’ negozju. Ix-ship shandling huwa veru vast. Nahseb li x-ship shandling huwa haga vasta hafna, li tidhol personali, tidhol bhala kumpnaija u tidhol hafna, ghax tissupplixxi kollox.” (fol 65)

11. Il-konsum tad-dawl fil-fond huwa baxx (xhieda Silvio Decelis (seduta 27 ta’ Marzu 2001). Il-kontijiet thallsu dejjem (fol 80-84)

12. Xehed il-meter reader li jzur dar il-post bhala parti mill-hidma tieghu. Il-meter qatt ma nqara “Voldieri l-meter reader qatt ma kellu access” (fol 90). Mistoqsi ghalfejn qatt ma nqara jwiegeb:

“Jiena stess lanqas ma' naf, jiena nitfa’ l-karta, jekk tista’ tghid li tista’ titfa, dan huwa post qisu zdingat, qisu mahzen jew lanqas tista’ tghid x’ inhuwa, ma nafx x’ inhu, qatt ma rajtu miftuh jien.” (fol 91-92)

13. Il-konsumatur hu ‘J. Borg’ li ma xehedx. ‘Care of Address’ ma hemmx. Ix-xhud jaqra l-meter tas-socjeta’ ACB International Ltd imma ‘Borg’ ma jafx min hu.

14. Il-Bord li sema x-xhieda u wara flieha bir-reqqa jasal ghall-konkluzzjoni li llum il-fond qed jintuza biex jinhaznu fih affarijiet bla htiega ta’ xejn – kwazi imbarazz. Affarijiet ta’ zmien ilu li qed jigu mahzuna biex ikunu mahzuna u ghal xejn aktar. L-intimat dwar l-uzu, daqqa jghid haga, daqqa jghid ohra. Ried jimpressjona bix-ship shandling, liema negozju m’ ghandux x’ jaqsam xejn mal-fond in kwistjoni, imma ma’ dak faccat tieghu. L-intimat seta juza l-fond ghal kwalunkwe uzu kummercjali imma llum ma hux qed juzah ghall-kummerc. Karozzi m’ ghadhomx jinbieghu, il-fond jinzamm maghluq. Lanqas jintuza bhala ‘mahzen’ fejn jinhaznu affarijiet ghall-kummerc. Li jzomm spare parts ghal vapuri li jista’ jigi ghalihom xi hadd f’ nofs il-lejl hija hlieqa. Snin ilu l-intimat bidel il-generu tan-negozju tieghu u l-fond ma ntuzax aktar (ara ‘Fava vs Computime Ltd’ App. Mill-Bord, 25/2/00, dwar 'abbandun' ta' mahzen)

Billi jirrizulta non-uzo ghal diversi snin u ksur ta’ kundizzjonijiet tal-kirja, l-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jergghu jiehdu f’ idejhom il-fond kummercjali 156, Naxxar Road, Birkirkara; ghall-fini tal-

izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta’ tlett (3) xhur m’ illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.”

Minn din is-sentenza appellaw l-intimati u talbu li din tigi revokata fil-meritu. Dan bl-aggravju li l-Bord ma evalwax sewwa l-provi u dawn ma jikkonvalidawx il-konkluzjoni milhuqa mill-istess Bord. Huma jsostnu li l-fond lokat lilhom baqa’ jsir uzu minnu b’mod regolari u konsegwentement il-provi migjuba mir-rikorrenti ghandhom jigu skartati billi ma jistghux jitqiesu bhala provi konklussivi tan-‘non uso’.

Hu ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li min ma jaghmilx uzu minn fond mikri ghandu, ma jkunx qed juzah skond id-destinazzjoni tieghu u dan in-non uso jammonta ghall-kambjament fid-destinazzjoni. Jinghad a propositu fid-decizjoni fl-ismijiet “**John Portelli –vs- Emmanuele Sacco**”, Appell, 19 ta’ Mejju 1958:

“*Jekk imbaghad jirrizulta li l-fond mikri bhala store naqas ghal zmien indefinit li jigi uzat bhala tali, dan il-fatt, jekk ma jkunx hemm xi gustifikazzjoni fic-cirkostanzi specjali tal-kaz, jammonta ghal tibdil fid-destinazzjoni tal-fond; ghax biex fond ikollu u jibqa’ jgawdi l-protezzjoni specjali li l-ligi taghti lill-“hanut”, jehtieg li jkun u jibqa’ uzat bhala tali.*”

Naturalment biex tara liema tibdil sehh fid-destinazzjoni tal-fond minhabba li dan jinzamm maghluq ma jezistix kriterju fiss u dan allura jigi determinat f’kull kaz in ispecie, mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari tal-kaz. (**“Busuttil –vs- Zammit”**, Appell Civili, 7 ta’ Mejju 1956).

Fil-kaz in ezami l-provi processwali jirrilevaw dawn l-aspetti:-

(i) Ghar-rikorrenti Paul Fenech (fol 38) l-post qatt ma rah miftuh u kien jidher abbandunat u mahmug. F’dan ir-rigward esebixxa ritratti, esebiti a fol 17;
(ii) L-Arkitett Censu Galea (fol 38) iddepona li huwa ezamina l-fond esternament u ikkostata haxix hazin hdejn

ix-shutter tal-fond de quo, mizmum ukoll fi stat traskurat, li kien indikattiv li l-fond kien abbandunat. Dan ix-xhud ikkonferma r-rapport tieghu esebit a fol 18 u 31 tal-process;

(iii) Alfred Zahra (fol 89), meter reader, jikkonferma li l-konsum tad-dawl u ilma fil-fond qatt ma nqara nonostante li jitfa' l-avviz fih biex juri lill-konsumatur meta jkun gej. Jiddeskrivi l-post bhala "zdingat", "neglected". Billi hadd ma kien jiftahlu huwa kien johrog 'estimate' tal-konsum.

(iv) PS Joseph Borda (fol 40) xhed li hu jghaddi spiss minn quddiem il-post, f'diversi hinijiet al-gurnata, u dejjem isibu maghluq.

(v) Il-fond hu munit b'licenzja tal-Pulizija ghal bejgh ta' spare parts ta' karozzi u din tiggedded regolarment (deposizzjoni tal-Ispettur Dennis Theuma, fol 39).

(vi) L-intimat Alfred Borg (fol 50 u fol 60) jistqarr li fil-fond mikri jinzammu spare parts tal-karozzi u jinfetah spiss, kwazi l-gimgha kollha, ghalkemm mhux ghall-pubbliku in generali. L-attivita' taghhom hi dik ta' "ship chandling" li ssir mill-kumpanija u allura l-aktar li jservu huma l-vapuri. Jikkonferma li l-bejgh tal-ispare parts tal-karozzi naqsilhom minn kemm ilu ma baqghux l-agenti lokali tal-vetturi tal-marka "Suzuki". Dejjem skond dan l-istess intimat il-fond de quo jinfetah "according to the needs".

Ir-rejazzjoni tal-appellanti dedotti minn dawn il-provi hi dik li mhux minnu li l-fond jintuza ghal hazna ta' imbarazz, kif hekk iddeduca l-Bord. Anzi huma jirribadixxu illi juzawh regolarment u del resto u f'kull kaz mhux bizzejjed biex jikkostitwixxi "non-uzu" l-ftuh sporadiku tieghu u mhux ta' spiss.

Jaggungu inoltre illi l-indikazzjonijiet tal-istat tax-shutter, il-kwantita' ta' haxix fuq barra tal-fond, il-konsum baxx tad-dawl u ta' l-ilma ma jwasslux ghall-konkluzjoni raggunta mill-Bord. Il-fatt biss li huma ghandhom licenzja operattiva li baqghet tiggedded tinnewtralizza din l-istess konkluzjoni.

Din il-Qorti ma tikkondividix ir-ragjonament u l-argomenti sollevati mill-appellanti, u anzi l-gurisprudenza timmilita

kontra dawn is-sottomissjonijiet. Ad exemplum, id-decizjoni fl-ismijiet "**Rosina Ciappara –vs- Giovanni Grech**", Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1994 fejn proprju gie rekordjat il-fatt tal-konsum baxx, il-ftuh limitat tal-fond, u l-mizerja tal-istock mizmuma fil-fond mikri.

Gie imbaghad stabbilit il-punt illi l-uzu ta' fond fuq skala minima u ridotta, meta mqabbel mal-potenzjal taghha, jekwivali ghal 'non uso' – "**Alfred P. Farrugia noe –vs- Victor Licari et**" Appell, 17 ta' Frar 1995. Fl-istess sens is-sentenza fl-ismijiet "**Josephine Gatt –vs- Joseph Mallia**", Appell, 29 ta' April 1996 fejn gie rimarkat illi "*anke jekk l-intimat kien jiftah il-fond ghal perijodi qosra, xorta jibqa' l-fatt li ma kienx qed juza l-fond kif suppost u dan iwassal ghall-izgumbrament tieghu*". Ara wkoll "**Filippa Micallef pro et noe vs- Philip Bugeja**", Appell Civili, 16 ta' Ottubru 1979.

Rilevanti ghall-kaz 'de quo agitur' l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Maria Concetta sive Connie mart it-Tabib Joseph Zammit Lupi et –vs- Joseph La Rosa de Cristofaro**", 12 ta' Dicembru 1996:-

"*Ghandu jigi notat illi s-sid ghandu bhala regola kull interess li jara li l-fond lokat jigi uzat ghax, kif hu risaput, bin-nuqqas ta' uzu issir ukoll hsara strutturali rilevanti lill-fond minhabba t-telqa u nuqqas ta' manutenzjoni*".

Hekk jirrizulta li hu l-kaz hawnhekk minn dak deskritt mid-diversi xhieda kif aktar il-fuq rilevat mir-revizjoni tad-deposizzjonijiet taghhom.

Lanqas imbaghad ma jista' jkollok il-presuppost ta' uzu bil-fatt biss tat-tigdid tal-licenzja. ("**Rocco Caruana –vs- Albert Cauchi**", Appell Civili, 6 ta' Dicembru, 1968.

Intqal fir-rigward illi t-tigdid tal-licenzja "*mhux fih innifsu sufficjenti biex jeghleb ir-realta' u l-verita' tal-fatti*" (**Antonio Deguara –vs- John Falzon**", Appell Civili, 22 ta' Novembru 1968). Proprjament, biex jinghad kollox, "*il-fatt tal-hlas tal-licenzja 'ut sic' la tipprova l-uzu u lanqas in-"non-uzu" tal-fond ghalkemm tista' f'certi cirkostanzi*

*tikkostitwixxi element ta' prova korroboratrici f'dan ir-rigward*" ("**F.X. Formosa et –vs- Carmel Mifsud**", Appell, 9 ta' Lulju 1999).

Strettament ghalhekk il-fatt tan-'non uso' trid tigi skrutinata mill-kumpless tal-provi. Gja gie ravvizat illi ma jezisti l-ebda kriterju fiss li jistabilixxi meta hu gustifikat li jista' jinghad li fond ma baqax jigi attivat jew uzat. Dan ghaliex kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari, skond in-natura ta' l-attivita' kummercjali gestita mill-fond, ir-raguni ghaliex fond ma jkunx baqa' jigi utilizzat b'mod frekwenti u fatturi ohra essenzjali. Ic-cirkostanzi jvarjaw minn kaz ghal kaz, u ma hemm xejn determinanti jew assolut. Cirkostanzi li kienu certament materja ta' fatt li kellhom jigu pruvati u li kien jispetta lit-tribunal li jgharbel, jevalwa u jiggudika. Fuq il-binarju ta' dan it-tfassil u hsieb huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Carmen Galea et –vs- Edwin Vella**", Appell, 24 ta' Marzu 2000, u "**Doris Grech –vs- Joseph Debono**", Appell, 28 ta' Dicembru 2001.

Jidher minn ezami tad-decizjoni hawn appellata illi l-Bord ikkonsidra sew dawn il-fatturi flimkien mal-fatti processwali qabel ma wasal ghall-konkluzjoni tieghu. Konkluzjoni li ma tatx affidabilita' lill-verzjoni tal-intimat Alfred Borg. Fil-verita' din il-Qorti ssibha difficli tikkonvinci ruhha xort'ohra valutati l-provi fl-assjem taghhom. Sinifikattiv, per ezempju, l-istat non-kuranti tal-fond minn barra kif deskritt mix-xhieda, u allura kien logiku li minn dan u minn provi ohra l-Bord iddeduca li fil-fond qed jinhaznu "*affarijiet ta' zmien ilu …….. bla htiega ta' xejn ……. kwazi imbarazz*."

Fir-rigward il-gurisprudenza issenjalat il-punt illi "*ma jidherx li l-ligi tikkontempla bhala "mahzen" protett minnha bhala "hanut" kwalunkwe fond fejn wiehed jerfa' xi affarijiet, ikunu x'ikunu, imma aktarx fondi fejn jinhaznu "wares" jew "goods" konnessi man-negozju*" (**"Adelina Azzopardi –vs- Karmenu Vassallo"**, Appell Civili, 15 ta Dicembru 1978; "**Ferdinand Fiott –vs- John Galea"**, Appell 23 ta' Frar 1973).

Dan kien il-kaz sakemm l-intimati kienu ghadhom l-agenti tas-“Suzuki”. Izda ma jidhirx li hekk baqa’ l-kaz meta din l-agenzija ittehditilhom.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti, bhall-Bord, ma tqisx li l-fond de quo ghandu jimmerita t-trattament specjali li l-Kap 69 jakkorda lill-hwienet. Konsegwentement it-talba tar-rikorrenti timmerita li tigi ezawdita.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellanti. Ghall-fini ta’ l-izgumbrament iz-zmien ta’ tlett (3) xhur prefiss mill-Bord jibdew jghoddu mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------